Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru: 744/2015

**GO plc (C22334)** **(appellata)**

**Vs**

**Alexandra McMonagle** **(appellanti)**

Seduta tat-22 ta' Novembru 2016

B'avviz prezentat fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fid-9 ta' Settembru 2015, l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, disa' mija u tliet ewro u disgha u disghin centezmu (€1,903.99.) fir-rigward ta' servizzi li tat lill-konvenuta, b'kont numru 40075803 u 40112886.

Il-konvenuta iddefendiet ruhha billi qalet li kienet halset kollox. B'mod preliminari tat ukoll l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta. Eccezzjoni li giet irtirata fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2015.

It-Tribunal iddecieda hekk:

*"It-Tribunal ghalhekk jilqa' t-talba attrici u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elf, disa' mija u tlieta ewro u disgha u disghin centezmu (EUR 1,903.99) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjez ikunu a karigu tal-konvenuta."*

Permezz ta' rikors prezentat fl-10 ta' Dicembru 2015, ir-rikorrenti talbet lill-qorti sabiex tirrevoka u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Novembru 2015 peress li ma ngiebet l-ebda prova sufficjenti li l-hlas kien dovut, li fir-realta' u fil-verita' kien hemm tali servizzi fiz-zminijet u l-perjodi li s-socjeta' appellata qed tghid li kien hemm, f'li tali servizzi kienu fil-fatt qeghdin joperaw u attivi fil-fond tal-appellanta u li tali kontijiet u bilanci kienu u huma fil-fatt dovuti.

Permezz ta' twegiba (fol 7) datata 7 ta' Jannar 2016 il-kumpannija wiegbet illi d-decizjoni appellata ghandha tigi konfermata u konsegwentement, l-appell odjern ghandu jigi respint, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

Il-konvenuta tilmenta li:

*"Illi allura dan ifisser li t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar minimament ma assigurax ruhu li s-Socjeta' Appellata ggib provi sufficjenti sabiex tissostanzja t-talbiet taghha ghaliex il-provi mressqa ma jammontawx ghall-ammont ta' prova rikjesta minn Tribunal Aggudikatur jew Qorti ta' Gustizzja ghaliex ma jnisslux konvinzjoni morali f'mohh il-gudikant li tali kontijiet huma ta' servizzi li fil-fatt u fir-realta' saru u allura l-bilancu huma ghalhekk dovuti;*

*Illi filwaqt li l-appellanta tiddikjara li hija halset dak li kien dovut minnha, hija QATT ma kienet konxja li tali bilanci kienu xi qatt dovuti u QATT b'xi mod ma kienet mgharrfa li kien hemm xi bilanci dovuti qabel ma ricentament rceviet l-Avviz tal-kawza kontriha quddiem it-Tribunal ghat-Talbuet Zghar;*

*Illi allura dan ifisser li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkommettta zball manifest u allura din l-Onorabbli Qorti jehtigilha terga tidhol fil-valutazzjoni tal-provi;"*

Ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer vs Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *'il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li, '*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Xehed Larry Gaffarema li spjega li ma kienx sodisfatt bis-servizzi li dahhal servizz iehor. Pero ma pprezenta ebda dokument jew evidenza illi s-servizz minn mal-kumpannij attrici kien itterminah.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenuta ffirmat is-servizzi taghha u sakemm dan baqa' hemm allura jrid isir il-hlas tieghu."*

L-attrici pprezentat:

- **DOK IZY3** (fol. 6) - kuntratt ghall-servizzi datat 12 ta' Mejju 2008 u b'kont numru A/C 40075803, ghall-perjodu ta' sentejn mid-data tal-kuntratt. Imbaghad DOK IZY1 (fol. 2) huwa l-prospett tal-istess kont li juri bilanc dovut ta' €823.74. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-ahhar pagament sar fid-29 ta' Settembru 2010, kif ukoll li b'riferenza ghas-servizz tat-telefon il-kont jirreferi wkoll ghall-perjodu qabel gie ffirmat il-kuntratt (kontijiet ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2006 sal-1 ta Marzu 2008).

- **DOK IZY2** (fol. 4): prospett tal-kont numru A/C 40112886 juri bilanc ta' €1080.25 u l-ahhar pagament sar fil-11 ta' Awissu 2011. Fil-prospett id-data tal-ewwel kont hi l-1 ta' Settembru 2009. Ghalkemm l-ufficjal tas-socjeta attrici xehed li kien qieghed jipprezenta kopja tal-kuntratt relatat mal-A/C 40112886, m'huwiex car liema wiehed hu in kwantu Dok. CPW2 ghandu d-data tal-24 ta' Lulju 2007 li hi ferm qabel id-data tal-ewwel kont fl-A/C 40112886 filwaqt li fuq iz-zewg dokumenti l-ohra (fol. 21 u 22) hemm riferenza ghal A/C 4000 0518. Madankollu mill-atti ma jirrizultax li l-konvenuta kkontestat l-ezistenza ta' A/C 40112886. Tant hu hekk li

quddiem it-Tribunal id-difiza kienet li halset il-kontijiet (ara twegiba li pprezentat quddiem it-Tribunal).

Ufficjal tas-socjeta attrici kkonferma li l-konvenuta kienet qeghda tircievi servizzi minghand l-attrici u li l-hlas pretiz kien ghadu dovut. Il-konvenuta ma xeheditx. L-uniku xhud min-naha taghha kien Emanuel Gaffarena, li f'deposizzjoni qasira qal li dejjem ircieva l-kontijiet u hallashom. Zied li ma kienx kuntent u minflok kien dahhal servizz ta' kumpannija ohra, u li l-apparat kien tah lil zewg irgiel li kienu marru d-dar ghandu. Pero':

i. Il-konvenuta ma pprezentatx prova dokumentarja li tikkorabora dak li xehed Gaffarena. Ix-xhud qal li peress li ma kienx kuntent bis-servizz, irrikorra ghand kumpannija ohra. Ghalhekk ta x'jifhem li l-konvenuta waqfet is-servizz li kienet qeghda tircievi minghand l-attrici. Pero' ma semmiex meta dan suppost sehh. Lanqas ma pprezenta dokument li jaghti prova li l-konvenuta kienet waqfet is-servizz u rritornat l-apparat relatat mas-servizz li kienet qeghda tircievi minghand l-attrici.

ii. Ma gewx prezentati ricevuti tal-hlasijiet li ghamlet il-konvenuta. Ghalkemm fir-rikors tal-appell jinghad li talbet li tinghata zmien sabiex issib ir-ricevuti, mill-atti ma jirrizultax li saret xi talba simili. Anzi fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015, id-difensur tal-konvenuta ddikjara li ma kellhiex iktar provi.

iii. Ma saret l-ebda prova li l-konvenuta kienet qeghda tipprotesta ghall-kontijiet li l-attrici kienet qeghda tibghatilha kull xahrejn, u li llum huma l-meritu tal-kawza.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal seta' jikkonkludi li l-hlas pretiz kien dovut mill-konvenuta. Fir-rikors tal-appell inghad ukoll li l-attrici ma tat l-ebda prova li wara s-sena 2010, il-konvenuta kellha kont miftuh mal-attrici. Jirrizulta li fir-rigward tal-kont A/C 40112886 kienu qeghdin isiru pagamenti wkoll matul is-sena 2011 li jirreferu ghal servizz li kien qieghed jinghata matul dik is-sena. Din fiha nnifisha hi prova li kuntrarjament ghal dak li ssostni l-konvenuta, wara s-sena 2010 kien qieghed jinghata servizz. Li kieku kien mod iehor, ma kinitx thallas ta' servizz li jirreferi ghas-sena 2011. Ghalhekk ukoll fuq bazi ta' probabilta kienet ukoll ghadha taghmel uzu mis-servizz A/C 40075803. Dan apparti li l-prospetti li gew prezentati u konfermati mill-ufficjal tal-attrici, huma prova li servizz kien qieghed jinghata. Mid-dokumenti IZY1 u IZY2 jirrizulta li kull xahrejn l-attrici kienet tibghat kontijiet lill-konvenuta. Li kieku wara s-sena 2010 servizz ma kienx qieghed jinghata, probabilment il-konvenuta kienet tipprotesta ghall-kontijiet li kienet qeghda tircievi minghand l-attrici. Pero' ma saret l-ebda prova f'dan is-sens.

Fl-ahharnett, fir-rikors tal-appell regghet issemmiet l-azzjoni hi preskritta (Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili). Jidher li l-konvenuta nsiet li waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2015 irrinunzjat ghal dik l-eccezzjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.